# satira

*xena parabbolika għar-radju*

# JIEĦDU SEHEM

L-ASTRONOMU

L-ISKRIVAN

IL-BIDILLU

L-AWTUR

RAĠEL QARRIEQI

RAĠEL QED IMUT

TAL-POSTA

# satira
## xena parabbolika

L-AWTUR *(jindaħal fuq il-mużika ħin bla waqt):*ta' djalogu hemm bżonn iddaħħal il-mużika. Dal-*producers* ma tfehemhom b'xejn. Is-sugu fil-kliem qiegħed!

Nintroduċi ruħi; jien l-Awtur. Forsi kien hemm min 'ġà ntebaħ iżda għal dawk l-eluf li m'humiex *au courant* ma' l-aħħar żviluppi avangardisti li jeżiġu li l-awtur ideffes il-personalità didattika tiegħu fid-dramm - insomma għal dawk kollha li għadhom jgħixu fi żmien il-brodu, nirrepeti - Jien l-Awtur. Bonswa lilkom.

*(B'leħen aktar konfidenzjali)* Fil-fatt, bejnietna, jien ma jien l-Awtur xejn. Qiegħed biss naqra l-iskript li fil-fehma tiegħi ma jaqbel xejn mat-temperament kalm u pożat tiegħi. Imma! Dan hu l-iskript li tawni u jkolli naqrah. Li kien għalija kont nagħżel xi ħaġa anqas frenetika u impenjattiva. Imma! Inkompli...

*(Leħen bħal fil-bidu)* Bonswa lilkom! Sejrin tisimgħu dramm ta' siegħa - satira, kif 'ġà għedna. Wara li tgħaddi s-siegħa m'iniex fi ħsiebni niskuża ruħi. Għax biex tkunu tafu minn qabel, din hi satira konfuża, b'għanijiet ftit jew xejn oskuri, inċidenti arbitrarjament... *(Mhux jirreċta - jitkellem l-attur*) ...Togħġobni l-kelma. Arbitrarjament - iva, mela... *(Iqaħqaħ, jerga' jidħol fil-parti ta'* L-AWTUR*)* ...arbitrarjament inkonklussivi għal min ma jridx jifhem, u fuq kollox bi tmiem kontroversjali daqskemm makabru iżda straordinarjament effettiv - talanqas fil-fehma minn ewl id-dinja preġudikata tiegħi. Inċidentalment; ridt navżakom li dan id-dramm diġà għamel ir-ronda ma' eluf ta' kumpaniji teatrali Maltin, iżda minħabba x-xena inkredibbilment imħeġġa u produttiva tal-Palk Malti attwali, intbagħat lura lill-awtur b'wegħdiet ftit li xejn konvinċenti li jekk għall-istaġun li ġej, minħabba xi kriżi imprevedibbli forsi jonqsu xi ftit l-impenji bla heda tagħhom għall-iżvilupp tat-teatru nazzjonali tagħna, forsi mbagħad jikkunsidraw il-possibiltà li jtellgħuli dad-dramm fuq il-palk. Biex inkun għedt kollox u neħilsuha, kien hemm kumpanija drammatika li bagħtet tgħidli li lesta taħdem dan id-dramm fil-ġejjieni mhux imbiegħed, iżda l-firma tas-segretarju ġegħlitni naħsibha darbtejn; l-isem tiegħu - Perry Rossi Spottsworth ma kkonvinċinix għal kollox, minkejja li bagħatli wkoll ċertifikat tat-twelid li juri li hu ċittadin purament Malti b'xi derivazzjonijiet kolonjali ta' ebda importanza. Kont għadni ntella' u nniżżel naċċettax il-proposta ta' das-sinjur purament Malti meta għodwa sabiħa ta' xita qliel irċevejt ittra mingħand id-Drama Panel tar-Rediffusion fejn qaluli

li lesti jxandru d-dramm tiegħi. U hawn aħna.

Skużawni l-introduzzjoni u l-post-introduzzjoni ftit u xejn imġebbdin; kelli ċerti balal - nitkellem metaforikament għalissa - fuq l-istonku li ridt neħles minnhom. Niġi għad-dramm. Mużika!

*Mużika, imma fuq nota kawtiela. Titbaxxa għal ftit.*

L-AWTUR *(jitkellem bħala l-attur):* Smajtuh dan l-Awtur? L-ewwel ma jridx mużika, imbagħad iridha! *(Bħala L-AWTUR)* Mużika għedt

*Mużika brijuża.*

*Fl-Uffiċċju tax-Xogħol.*

*Tqaħqiħ, kultant xi kelma mlissna bil-mod, xi tgemgima mill-irġiel jistennew.*

L-AWTUR: Ninsabu f'Uffiċċju tax-Xogħol. Titqarrqux. Ma jfissirx li għax ninsabu f'Uffiċċju tax-Xogħol għandna quddiemna xi xena ħabrieka... Kif forsi tistgħu tisimgħu.

*Ċekċik ta' kuċċarina f'kikkra. Xi ħadd jixrob bi ħsejjes esagerati. Tmeċliq diżgustanti.*

L-AWTUR: Dak l-Iskrivan. U dik li qed ifettet fit-tè u jmaxtar hija t-tielet qagħqa. Minn hawn u ftit ieħor tisimgħuh jieħu r-raba' waħda, imbagħad jerġa' lura għax-xogħol - forsi. Taħt l-iskrivanija għolja tiegħu, iħarsu lejh b'ħalqhom miftuħ hemm kjù ta' rġiel bil-qiegħda fuq bank jistennew - jistennew ir-raba' qagħqa. Issa drawh lill-Iskrivan.

*(It-tmeċliq jieqaf.)*

Hemm hu lest. Naħseb li dalwaqt nibdew.

*(Qaħqiħa marradija)*

Dak ir-raġel qsajjar u mixrub li hemm f'ras il-bank qed ilesti ruħu. Qed jittama li minn hawn u ftit ieħor ikun imissu hu. Qed ifarfar it-trab minn fuqu; ftit ilu neħħa wkoll l-għanqbut li kien trabbielu bejn il-ħġieġ tan-nuċċali. Ir-raġel qsajjar u mixrub jistenna l-Iskrivan. L-Iskrivan ilaqqat iz-zokkor bil-kuċċarina. Issa ħariġha minn ħalqu. Forsi... le, reġa' daħħalha. Ir-raġel qsajjar u mixrub għadu jistenna. L-iskrivan għadu jlaqqat il-kuċċarina.

*(Bieb tal-ħġieġ jinstabat bir-riħ.)*

Dak il-bieb ilhom sentejn jistennew l-aħjar offerta biex isibu ħaddied iwaħħallu lukkett ġdid. L-Iskrivan bil-kuċċarina f'ħalqu qed jirtogħod. Mill-għoli ta' l-iskrivanija tiegħu xorta jħossu l-frisk.

SKRIVAN: Agħlqu dak il-bieb!

L-AWTUR: Għall-għajta tiegħu l-irgiel jistennew fuq il-bank jinħasdu. Ħadd iżda ma jqum. Iħarsu f'għajnejn xulxin, suspettużi. Fl-aħħar il-ħars tagħhom ilkoll jaqa' fuq ir-raġel qsajjar u mixrub u li jinsab f'ras il-bank. Hu l-iżgħar wieħed fosthom.

*Bieb jinstabat.*

SKRIVAN: Agħlqu dak il-bieb għedt!

L-AWTUR: Ħadd mill-irġiel jistennew ma jissogra jħalli postu. Ilkoll jafu li malli xi ħadd iqum, ħaddieħor jeħodlu postu fil-kjù. Ikomplu jħarsu b'qilla lejn ir-raġel qsajjar u mixrub li hu l-iżgħar fosthom. Dak ta' ħdejh fl-aħħar ifajjarlu daqqa bil-minkeb.

RAĠEL QARRIEQI *(b'leħen żorr):* Għax ma tmurx tagħlqu.

ASTRONOMU (*ir-raġel qsajjar u mixrub):* Jien? Għaliex jien?

*Bieb jinstabat.*

SKRIVAN: Dak il-misħut bieb! Jew tagħlquh jew nitfagħkom ilkoll 'il barra!

*Pawsa.*

RAĠEL QARRIEQI: Ħażin għalik jekk jerġa' jinstabat!

ASTRONOMU: Jekk - jekk immur jien iżżommli posti?

RAĠEL QARRIEQI: Isbaħ din!

ASTRONOMU: Nafdak mela?

RAĠEL QARRIEQI: Isma’ x’qallek!

*Passi. Il-bieb jingħalaq. Xi ħadd fost l-irġiel jidħak. Passi lura mgħaġġlin.*

ASTRONOMU: Ħadtli posti!

RAĠEL QARRIEQI *(b’nofs daħka)*: Qed inżommulek!

ASTRONOMU: Fejn se npoġġi jien?

RAĠEL QARRIEQI: Hemm wara hemm post.

ASTRONOMU *(b’sempliċità - mhux jakkuża):* Jien - jien fdajtek.

RAĠEL QARRIEQI *(jidħak.)*

SKRIVAN: Dak l-istorbju! Irrid is-skiet! *(Pawsa.)* X’int tagħmel bil-wieqfa int?

ASTRONOMU: Jekk jogħġbok, qed nistenna.

SKRIVAN: Poġġi bil-qiegħda!

ASTRONOMU: Jekk ma jimpurtax, nippreferi...

SKRIVAN: Bil-qiegħda f’postok! Żomm il-kjù!

ASTRONOMU: Iva, iva. Grazzi...

RAĠEL QARRIEQI *(jidħak minn taħt il-taħt.)*

ASTRONOMU: Ersaqli ftit, jimporta?

RAĠEL QARRIEQI *(jidħak.)*

SKRIVAN: Int! Int hemm!

ASTRONOMU: Jien?...

SKRIVAN: Le, il-ħajbu! Int iva, x'inti tagħmel bil-wieqfa?

ASTRONOMU: Għax...

SKRIVAN: Għalxejn nagħmlulkom il-bankijiet aħna? L-ewwel qabda tgergir u ittri fil-gazzetti għax inħallukom tistennew bil-wieqfa, imbagħad malli nagħtukom il-bankijiet kulħadd bil-wieqfa! Din sfida! Sfida, hux hekk? Razza ta' anarkisti xewwiexa mawwisti marksisti kontro-reazzjonarji faxxisti! Itlaqli 'l barra jekk trid toqgħod bil-wieqfa!

ASTRONOMU: Imma... għax jien imissni.

SKRIVAN: Jien ngħid min imissu! Jew aħjar, il-Bidillu jgħid! Bidillu! Bidillu! Fejn ix-xjafek mar dak? U int mur stenna fil-kjù, ma nerġax ngħidlek!

ASTRONOMU: Għax jekk jogħgbok, Sur Skrivan, ħaduli posti.

SKRIVAN: Ħadulu postu ħej, tarax! Ħalib ommok fi snienek int, tidher. Mur l-aħħar fil-kjù jekk ħallejthom jeħdulek postok.

ASTRONOMU: Imma ħaduli posti għax qomt biex nagħlaqlek il-bieb - għalhekk.

SKRIVAN: Eh, issa ser nibdew bl-insinwazzjonijiet, hux hekk! Mill-ewwel xammejtek jien! Itlaqli 'l barra! Barra!

*L-irġiel jistennew fuq il-bank jidħku.*

ASTRONOMU: Barra?...

SKRIVAN: Barra! Barra! Barra!

ASTRONOMU: Tridx ma tgħajjatx! Jien naf ngħajjat aktar minnek - jien! U biex qed tidħku intom, boloh?! Le ma nitlaqx 'il barra! Ili ġimgħa nistenna fuq dak il-bank - kissirt il-warrani nistenna! U issa tiġi int tkeċċini! Imma jien ma nitlaqx! Għandi dritt ninqeda - għandi dritt! Jekk - jekk tkeċċini nirrappurtak! Nirrappurtak, lilek u l-qagħaq u t-tejiet tiegħek b'kollox!

*Għagħa ħiemda ta' biża' u ammirazzjoni mill-irġiel jistennew. Pawsa. Skiet perfett.*

SKRIVAN *(bil-kwiet - kwiet wisq anzi):* Eh? Iva? Eh... iva? Tajjeb. Tajjeb ferm. Ersaq - ersaq 'l hawn... sinjur. Int imissek u int tinqeda. Ersaq - ersaq, jekk jogħġbok. L-għodwa t-tajba, sinjur. Fiex nista' nservik? Għidli, għidli.

ASTRONOMU *(suspettuż):* Eh.. hawn... hawn għandi - jekk jogħġbok - għandi dil-karta...

SKRIVAN *(jaqtagħlu kliemu):* Skużani li dewwimtek, sinjur. Kelli wisq x'nagħmel. Taf int, jien waħdi f'dan l-uffiċċju u mgħobbi bix-xogħol. Il-Prinċipal għandu x'jagħmel wisq; kont ngħidlek tgħaddi s'għandu kieku. Kien jieħu gost jaqdik hu nnifsu. Iżda tista' tgħid lili jekk trid, taf. Għidli, fiex nista' nservik? Jien għalhekk qiegħed, tafx.

ASTRONOMU: Għandi dil-karta. Bagħtu għalija. Naħseb li...

SKRIVAN: Imma fejn hi rasi llum?! Noffrilek kikkra tè, sinjur? Xi qagħqa wkoll? Bidillu! Kikkra tè u qagħqa għas-sinjur!...

ASTRONOMU: Le, le - m'hemmx għalfejn. Grazzi.

SKRIVAN: Le? Minnek jonqos, taf.

ASTRONOMU: Grazzi, aħjar le. Għandi dil-karta hawn iżda...

SKRIVAN: Eh iva, kont qed tgħidli. Ġib ħa nara. *(Tħaxwix ta' karta.)* Eh, iva iva iva...

ASTRONOMU: Qaluli li sibtuli x-xogħol...

SKRIVAN: Iva, hekk hu tabilħaqq. Nifraħlek. Mela, ħa niċċekkjaw ftit... Isma', żgur ma tridx tè u qagħqa hux?

ASTRONOMU: Grazzi, le.

SKRIVAN: Kif trid. Mela, fejn konna wasalna?

ASTRONOMU: Kont se tara l-leġistru. Tiċċekkja.

SKRIVAN: Iva, il-leġistru. Naraw mela.

*Ħoss ta' leġistru kbir jinfetaħ. Tħaxwix ta' folji jitqallbu.*

SKRIVAN: X'inhu n-numru tiegħek?

ASTRONOMU: GS-3314001.

SKRIVAN *(iqalleb il-folji):* G -G -G... GL.... GM... GP... GR... GT... GU... G, G, G,...

ASTRONOMU: Skużi. Skużi ftit..

SKRIVAN: Eh? Iva, għidli...

ASTRONOMU: Jekk jogħġbok, naħseb li qbiżtha: il-GS.

SKRIVAN: Qbiżtha? Tgħid? Iva, iva mela: hawn aħna: GS 3314001.

ASTRONOMU: Dik hi! Hi biss hemm f'dik il-folja!

SKRIVAN: Tassew hux? Ma nafx kif qbiżtha. Mela, hawn aħna. U din l-applikazzjoni tiegħek. Iva mela; int allura kont applikajt għax-xogħol ta'... ta'?...

ASTRONOMU *(ħerqan - f'nifs wieħed):* Astronomu Osservatur Temporanju mhux Uffiċjali maċ-Ċentru Nazzjonali ta' Stħarriġ Astronomiku Interplanetarju, Grad OO.X, fuq l-istabbilment mhux penzjonabbli!

SKRIVAN: ...Abbli! Perfett! Tajjeb, Sur Astronomu, huwa pjaċir tiegħi li nifraħlek. L-applikazzjoni tiegħek ġiet aċċettata...

ASTRONOMU: Tassew!? Sa fl-aħħar!

SKRIVAN: Iva, sa fl-aħħar. Nifraħlek. *(Tisbita ta' leġistru jingħalaq.)* Tajjeb mela; u issa għal-liema xogħol ġdid tixtieq tapplika?

ASTRONOMU: Xogħol ġdid? Napplika?... Imma jien sibt xogħol!

SKRIVAN: Sibt? Kif inhi din?

ASTRONOMU: Sibt iva! Ta' Astronomu Osservatur Temporanju, Mhux Uffiċjali...

SKRIVAN: ...U l-kumplament. Iva. Għal dak qed tgħid mela? Jiddispjaċini, imma naħseb li... Aħjar nerġa' niċċekkja ara. Se jkolli nerġa' niftaħ il-leġistru. *(Folji jitqallbu.)* Iva, mela. Sewwa, sewwa. Tassew jiddispjaċini.

ASTRONOMU: Jaqaw?

SKRIVAN: Hawn jirriżulta li int sfajt illiċenzjat jumejn ilu minħabba ineffiċenza fil-qadi ta' dmirek, nuqqas ta' serjetà professjonali u ksur tal-kuntratt tax-xogħol!

ASTRONOMU: Illiċenzjat?! Imma jien, ħares ftit...

SKRIVAN *(bl-akbar gost):* Infatti diġà qed titressaq taħrika quddiem il-qorti kontrik minħabba f'hekk! Xi jgħidli issa s-Sur Astronomu?!

ASTRONOMU: Ma jistax ikun! Jien 'qas biss għadni dħalt għax-xogħol!...

SKRIVAN: Per l-appuntu! Int kellek tiġi dan l-uffiċċju b'dik il-karta ġimgħa ilu! Ġimgħa ilu!

ASTRONOMU: Imma jien ili ġimgħa hawn nistenna!

SKRIVAN: Tajba din! Mela gax ma ġejtx għandi mill-ewwel?!

ASTRONOMU: Kif stajt!? Kien hawn il-kjù!...

SKRIVAN: Missek ħsibt qabel mela. Il-qattusa għaġġelija qatt ma jkollha ħrief zopop li jaslu tard u jieklu ħut jinten!

ASTRONOMU: Ma stajtx naħseb qabel! Dik il-karta ġejt niġri biha 'l hawn malli rċevejtha. Tort tiegħi sibt il-kjù?

SKRIVAN: Ma jistax ikun. Aħna bgħatna għalik ġimagħtejn ilu.

ASTRONOMU: Kien hemm l-istrajk tal-posta. Domt ma rċevejtha!

SKRIVAN: Aħa! Tara kif ġejt fi kliemi! Tara fiex qed iġġibu ruħkom b'dal-qabda nkwiet li taqilgħu! Batu issa: ħaqqkom! Jalla dejjem hekk! M'għandkomx xi triduhom dawn l-istrajkijiet! Qed tħallu l-influwenza Ażjatika kommunista tirbaħkom. Għax ma titgħallmux mill-Polonja, l-Ungerija, iċ-Ċekoslovakkja? Viva l-ħelsien! Abbasso l-anarkija! Viva d-demokrazija, il-burokrazija, il-megalomanija u l-apatija!

ASTRONOMU: Jiġifieri, jien tlift xogħli?

SKRIVAN: Per l-appuntu!

ASTRONOMU: Imma jien nipprotesta!

SKRIVAN: X'tagħmel? Se terġa'?!

ASTRONOMU: Nikkontesta! Nipprotesta u nikkontesta!

SKRIVAN: Jekk jogħġbok inħallu n-neoloġiżmi għal darb'oħra!

ASTRONOMU: Nipprotesta! Inressaq il-każ tiegħi quddiem l-awtoritajiet!

RAĠEL QARRIEQI *(jissuġerilu minn taħt l-ilsien):* Quddiem il-junjon.

ASTRONOMU: Iva, quddiem il-*union* inressqu!

RAĠEL QARRIEQI *(bħal qabel):* Niftħu inkjesta! Kummissjoni Indipendenti!

ASTRONOMU: U nikxfu kollox! Irrid Kummissjoni indipendenti! Ma tistgħux tkeċċuni qabel inkun dħalt għax-xogħol! Dan preċendent intollerabbli!

SKRIVAN: U dawn tiegħek huma sottiljezzi sindikali li jien ninjora għal kollox! Agħmel li jogħġbok!

RAĠEL QARRIEQI: Il-Qorti ta' l-Arbitraġġ; għidlu!

ASTRONOMU: Intellgħukom quddiem il-Qorti ta' l-Arbitraġġ! Mela x'taħsbu! Dak li nagħmlu!

RAĠEL QARRIEQI: Inkella nistrajkjaw! *(Jgħajjat bla ma jrid)* Nistrajkjaw!

ASTRONOMU: Iva, nistrajkjaw! Nistrajkjaw ilkoll!

L-IRĠIEL L-OĦRA KOLLHA: Nistrajkjaw! Nist-rajk-jaw! Nist-rajk-jaw!

SKRIVAN: Silenzju! Silenzju qed ngħidilkom!

*Il-kor ta' "Nist-rajk-jaw" jieqaf minnufih.*

SKRIVAN: Ibleh! Ma tistgħux tistrajkjaw jekk intom bla xogħol. Imma kemm intom boloh jaħasra. Isma' int, Astronomu, tridnix nagħtik parir?

ASTRONOMU: Parir?

SKRIVAN: Ta' ħabib. Xejn uffiċjali, naturalment. Qed ngħidlek kunfidenzjalment. U għax lilek taf. Int għax ma terġax tapplika?

ASTRONOMU: Napplika? Għall-istess xogħol?

SKRIVAN: Per l-appuntu! Dak li kien ħa x-xogħol minflokok diġà illiċenzjawh ukoll. U għadna ma rċevejna ebda

applikazzjoni oħra.

ASTRONOMU: Għaliex illiċenzjawh?

SKRIVAN: Skadielu l-kuntratt. Bħala Astronomu Osservatur Temporanju Mhux Uffiċjali eċċetra, eċċetra, kellu x-xogħol li josserva l-eklissi totali tax-xemx li kellna l-ġimgħa li għaddiet. Xogħlu għamlu, lesta r-rapport u illiċenċjawh.

ASTRONOMU: U issa tridu ieħor?

SKRIVAN: Għall-eklissi li jmiss. Trid tapplika?

ASTRONOMU: Naħseb. Iva aħjar.

SKRIVAN: M'hawnx għalik!

ASTRONOMU: X'għandi nagħmel?

SKRIVAN: Mhux issa. Mhux hawn.

ASTRONOMU: Mela meta ? Fejn?

SKRIVAN: Fl-Uffiċċju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.

ASTRONOMU: Grazzi. Insibhom hemm bħalissa, tgħid?

SKRIVAN: L-uffiċċji - iva.

ASTRONOMU: Ah - u l-uffiċjali?

SKRIVAN: Le, naturalment. Jinsabu fuq strajk. Iridu li huma wkoll ikollhom uffiċċji privati bħal ma għandhom l-uffiċjali tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

ASTRONOMU: U meta ser jispiċċa dan l-istrajk?

SKRIVAN: Mhux qabel jibdew il-vaganzi tas-sajf.

ASTRONOMU: Mela qabel Settembru ma nistax napplika żgur.

SKRIVAN: Lanqas wara. Bi ħsiebhom jingħaqdu fi strajk ta' simpatija minħabba t-tkeċċija ta' l-Astronomu Osservatur Temporanju Mhux Uffiċjali maċ-Ċentru ta' Stħarriġ Astronomiku Interplanetarju, Grad OO.X fuq l-istabbilment mhux penzjonabbli li tkeċċa l-ġimgħa li għaddiet. L-astronomu tkeċċa mhux istabbilment, naturament.

ASTRONOMU: Trid tgħid, ser jistrajkjaw... minħabba fija?!

SKRIVAN: Per l-appuntu! Ikolli ngħid għandek xi ħbieb int, eh? Xi rjus kbar jimbuttawk, hux hekk, eh?

ASTRONOMU: Min, jien?

SKRIVAN: Tilgħabha ta' l-innoċenti, hux?

ASTRONOMU: Naħliflek. Imma għidli ftit; meta ser jintemm dan l-istrajk - dan l-istrajk minħabba fija?!

SKRIVAN: M'intix se tgerger issa fuq kollox, hux hekk?! Imissek tkun grat lejn sħabek! Kemm hawn bħalek li jixtiequ jkunu jistgħu jgħidu li kellhom il-ġieħ li nqala' strajk minħabba fihom, speċjalemnt meta jmorru lura d-dar bla paga f'idejhom!

ASTRONOMU: Naf - napprezza l-vantaġġi tal-qagħda tiegħi. Biss nixtieq kieku nkun naf meta ser jidħlu mill-istrajk biex inkun nista' nerġa' napplika.

SKRIVAN: Jidħlu meta l-jeddijiet tiegħek ikunu rikonoxxuti; jiġifieri fi ftit kliem, meta tingħaraf l-inġustizzja krudili u viljakka li saret miegħek minn din is-soċjetà dekadenti psewdo-demokratika li qed titmexxa minn nukleu ristrett iżda setgħan ta' zionisti kapitalisti li jaħsbu biss għal xawwathom u jkasbru u jinjoraw kompletament il-bżonnijiet u d-drittijiet elementari tal-proletarjat imkasbar u maħqur minn żmien il-Griegi sa daż-żminijiet atomiċi, imħassra, progressisti u materjali tal-lum!

ASTRONOMU: Jiġifieri meta jien nikseb lura x-xogħol tiegħi, hux hekk?

SKRIVAN: Eh - iva, dażgur. Pressapoko.

ASTRONOMU: Imma kif nista' nikseb lura xogħli qabel huma jergħu jidħlu għax-xogħol jekk huma ma jidħlux għax xogħol biex jiena nieħu l-formola biex napplika għax-xogħol u nerġa' nikseb il-post tiegħi?!

SKRIVAN: Raġunament mhux għal kollox ta' min jiskartrah. Biss jeħtieġ iżżomm quddiem għajnejk li l-mexxejja tal-ħaddiema qed jiġġieldu għal punt ta' prinċipju...

ASTRONOMU: Ħsibthom qed jiġġieldu għalija.

SKRIVAN: ...Punt ta' prinċipju sagrosant li għalih jeħtieġ tbatu kull tbatija, issofru kull inġurja. Punt sagrosant dan tagħkom, li ebda pressjoni jew repressjoni, politika jew ekonomika m'għandha ġġagħalkom iċċedu. U jekk stess iċċedu minħabba li n-nisa tad-dar jiddejqu jarawkom ma' wiċċhom kuljum, jekk stess iċċedu minħabba dis-sikkatura infra-konjugali - jekk stess iċċedu! - tagħmlu dan minn barra biss, iżda minn ġewwa, fil-fond ta' qalbkom, ma tbaxxu raskom qatt!

ASTRONOMU *(ma kienx qed jisma' - imħasseb):* Eh, iva iva... Imma allura ma tafx kemm jista' jdum dan l-istrajk?

SKRIVAN: Dawn m'humiex affarijiet ta' għaġla. Jekk il-pajjiż isofri ekonomikament m'hijiex raġuni għala għandu jieqaf strajk!

ASTRONOMU: Imma allura din l-applikazjoni tiegħi meta nista' nagħmilha?

SKRIVAN: Tħabbilx rasek. M'hemmx għaġla. Il-post ta' Astronomu Osservatur Temporanju eċċetra eċċetra mhux miftiehem li jimtela' qabel l-eklissi totali tax-xemx li jmiss - mhux qabel żgur.

ASTRONOMU: Imma jekk m'iniex sejjer imqarraq, l-eklissi li jmiss tiġi...

SKRIVAN: Eżattament fit-tletin ta' Frar, elf disa' mija u disgħa u disgħin, fit-tlieta u nofs u ħamsa.

ASTRONOMU: Ħsibtu jien. L-għodwa t-tajba.

SKRIVAN: Eh? Fejn sejjer?!

ASTRONOMU: Sejjer. Ma naħsibx li nista' nistenna sa l-eklissi li jmiss...

SKRIVAN: Imma dan?!... Ejja 'l hawn! Trid tgħid li qtajt qalbek? Ma tridx terġa' tapplika?

ASTRONOMU: Ma nistax inkompli nistenna - dejjem nistenna.

SKRIVAN: Ċiss! Mur obsor! Ma jistax jistenna s-sinjurun, ħej! U għal nies bla sinsla bħalek imbagħad isiru l-istrajkijiet! Ħaddiema bħalek huma l-kankru tas-soċjetà. Din it-tolleranza kollha tal-lum hija intollerabbli! - Stenna hemm u tiċċaqlaqx!

ASTRONOMU: Jekk m'għandek xejn iżjed x'tgħidli, jiena sejjer...

SKRIVAN: Għandi, mela m'għandix - stenna għedtlek! Hawn dal-ktieb tax-xogħol u dil-karta, insejthom?

ASTRONOMU: M'għandix bżonnhom iżjed naħseb.

SKRIVAN: Iva, mela kif, issuppervja - dak li jonqos! Ejja 'l hawn qed ngħidlek. Għad trid tgħaddi l-uffiċċju l-ieħor biex thallas il-bolli ta' dil-ġimgħa.

ASTRONOMU: M'iniex se nħallashom iżjed.

SKRIVAN: Kif? Trid tgħid - trid li ismek jinqata' mil-leġistru?

ASTRONOMU: Agħmlu intom.

SKRIVAN: Naqtgħulek ismek?! Biex imbagħad wara ftit terġa' tiġi titkarrab biex terġa' tirreġistra!

ASTRONOMU: Ma niġix lura.

SKRIVAN: Issa tgħid hekk. Taf x'ser titlef, hux? Ma jkollok ebda benefiċċju, ebda sussidju mbagħad, tafx. U jekk wara toqgħod tiġi quddiem wiċċi tagħmilli dak il-wiċċ ta' ħniena...

ASTRONOMU: Għedtlek ma niġix...

SKRIVAN: Tajjeb mela; naqtgħulu ismu mil-leġistru la jrid hekk is-sinjur. Arah moqdi. 'Tini l-karta ta' l-identità.

ASTRONOMU: Hawn. X'se tagħmel biha?

SKRIVAN: Irrid inkun naf lil min se naqta' mil-leġistru u lil min mhux se naqta', mhux hekk? Ġib 'l hawn. Hmm. Dar-ritratt - dan int? Ma jixbħek xejn!

ASTRONOMU: Kont żgħir dak iż-żmien.

SKRIVAN: U bla nuċċali?

ASTRONOMU: Dak għamiltu wara. Sibt li kont miopiku.

SKRIVAN: Għandek id-daqna issa wkoll.

ASTRONOMU: Il-leħja. Kibritli kemm domt nistenna fuq dak il-bank.

SKRIVAN: Hi jaħasra - miskin! Hux hekk tridni ngħid? Issa wkoll bil-leħja tinqdew biex turu kemm qed jaħqrukom. Imsieken! Tridu tagħmlu minn kollox biex turu lilna f'dawl ikreh - dik hi! Għalhekk tkabbru l-leħja - ilkoll kemm intom - għalhekk biss! Mil-lum 'il quddiem kull min jidher quddiemi jrid iġib miegħu mus tal-leħja. Qed tismgħuni hux? Hawn fejn se naslu?! Qiskom vagabondi sirtu. Mil-lum 'il quddiem ma nirċivix aktar quddiem wiċċi karfa diżutli u mċewlħa bħalkom!

ASTRONOMU: Jien kieku ġibt wieħed.

SKRIVAN: Xiex?

ASTRONOMU: Mus tal-leħja. Dan ara; ftit imsadda x-xafra kieku, imma għadha taqta' naħseb. Ara...

SKRIVAN: Dak! Neħħih minn idejk! Ar'hemm - kont se tħanxarhieli! Neħħi minn idejk qed ngħidlek! Neħħih!

ASTRONOMU: Imma int għedtli...

SKRIVAN: Neħħih!! Naf x'għedtlek - naf mela le! Vagabondi ruffjani l'intom! Baqax issa! Anki bl-imwies bdejtu ġejjin hawn! Ilek ġimgħa mela b'dak il-mus moħbi fil-but, hux hekk? Għalfejn ġibtu dak - eh, għalfejn? X'kont se tagħmel bih? X'intenzjoni kellek?

ASTRONOMU: Inqaxxar il-leħja kulma ridt. Ma sibtx ilma iżda. Ma stajtx.

SKRIVAN: Ħa! Skuża sabiħa! Mus tal-leħja ġabu biex iqaxxar il-leħja tarax! Ħsibt li se tbellagħli r-ross bil-labra, bħalek int?! Qarrieqa! Naf - naf għalfejn ġibtu dak il-mus! Imma mil-lum 'il quddiem ara nara mus ieħor hawn ġew, qed tisimgħuni?!

RAĠEL QARRIEQI: X'nagħmlu għal-leħja mela, sinjur?

SKRIVAN: Ġibu *electric shaver*. Dak li tagħmlu!

ASTRONOMU: Iva, *electric shaver* tajba kieku. Zijuhi għandu waħda. Imma dak jaħdem mal-Gvern. Meta jasal għall-penzjoni forsi jbigħhieli *second hand*...

SKRIVAN: Naqtgħuha u eħlisni. Dawk il-karti li tajtni se nżommhom. Ngħidhielek ċar u tond li għandi d-dubji serjissimi tiegħi fuqek, Sur Astronomu. Ir-ritratt fuq dil-karta ma jixbhekx, ibda biex...

ASTRONOMU: Imma dak jien kont!

SKRIVAN: Int qed tgħidu. Wara kollox ma nistax nifhem kif int trid tinqata' mis-servizzi soċjali tagħna. Din qatt ma smajtha! Inkredibbli! Lanqas li kont xi baħnan int! Imma le - inti baħnan m'intix; anzi! Int karattru altament suspettabbli. U taf x'qed naħseb? Ma tafx? Ngħidlek. Qed naħseb li int *m'intix* dan tar-ritratt fuq dil-karta! Għall-kuntrarju, int trid tagħmel azzjoni ħażina li dan l-individwu billi tippersonifikah u tagħmel minn kollox biex ismu jinqata' minn fuq il-leġistru tagħna!

ASTRONOMU: Le, jien...

SKRIVAN: ...Bi tpattija - għira jew ma nafx xiex - imma dak li trid tagħmel! Vendetta b'malizzja maħsuba minn qabel - delitt

premeditat! Iċħad jekk għandek ħila! Jinxtamm minn elf mil bogħod il-pjan tiegħek - ċar daqs il-kristall! Ma tridx tkun malizzjuż wisq biex tintebaħ bil-pjan faħxi u pwerili tiegħek?

ASTRONOMU: Le! Jien qatt m'għaddieli minn moħħi li nqarraq b'ħadd! Irrid ngħid - dak ir-ritratt kien tiegħi...

SKRIVAN: *Kien!* Jiġifieri m'għadux!

ASTRONOMU: Kien meta ħadtu irrid ngħid! Dak ir-ritratt - dak ir-ritratt tiegħi ta' ħmistax-il sena ilu. Kont għadni żagħżugħ dak iż-żmien - kont nittama, kont kuntent nistenna... dak iż-żmien... wara nbdilt - sirt kif sirt. Iva, dak kont jien. Imma issa rrid li ismi jitneħħa mil-leġistru! Qaċċtuh minn hemm! Ma rrid ikolli xejn aktar x'naqsam ma' dan l-uffiċċju! M'għadx għandi tama fih! Iva, nistqarr quddiem kulħadd: tlift kull fiduċja - kull tama fikom!

SKRIVAN: Itlaqhom hemm dawk il-karti! Sewwa ħsibt jien! Mill-ewwel għokritni għajni minnek! Mela la trid taf, *jien* qatt ma kelli fiduċja fik! Itlaqhom hemm qed ngħidlek! Dawk id-dokumenti mhux tiegħek!

ASTRONOMU: Tiegħi u neħodhom!

SKRIVAN: Tajjeb! Mela jien mhux ser naqtgħek mil-leġistru!

ASTRONOMU: Ikollok taqtagħni!

SKRIVAN: Le! Le, le u le!! Hemm tibqa' - magħna. Trid jew ma tridx!

ASTRONOMU: Agħmlu intom, wara kollox. Jien għalija m'għad għandi ebda rbit magħkom. Ma nagħrafx l-awtorità tagħkom fuqi! Jien sejjer.

SKRIVAN: Mur, mur. taħseb li inti aħjar mill-oħrajn, int? Hawn eluf bħalek! Miljuni! Dawk iżda kollha jikkuntentaw ruħhom jiffirmaw isimhom fuq leġistru u jistennew. Int le hej! Int *special!* Imma xejn taħseb li ser nibkuk! Li se tbeżżagħna! Xejn taħseb li billi tinqata' mil-leġistru se tkun tista' tfendi għal rasek aħjar!

ASTRONOMU: Talanqas inkun ħieles!

SKRIVAN: Ħieles! *(Jidħak)* Ħieles! Smajtuha din?! Ħieles qal!

*L-irġiel l-oħra jidħku miegħu.*

SKRIVAN *(jieqaf mid-daħk):* Silenzju! Basta! Biex qed tiddieħku, intom? Din ħaġa serja! Gravi! Ieqfu qed ngħidilkom! Se nsejjaħ lill-Bidillu jitfagħkom 'il barra! Silenzju!

*Jaqa' s-skiet. Bieb jitbexxaq.*

SKRIVAN: Bidillu! Idħol minn hemm! X'int tistaħba wara l-bieb?

BIDILLU: Ħsibtek sejjaħtli, Sur Skrivan.

SKRIVAN: Ilek taħsibha! Itfagħli 'l dak 'il barra issa li qiegħed hawn.

BIDILLU: Lil dan hux? Imxi int.

ASTRONOMU: Sejjer. M'hemmx għalfejn timbotta.

BIDILLU: Ċaqlaq mela. U ara kif titkellem quddiem is-Sur Skrivan. Imissek tistħi, raġel bħalek! Għax ma tmurx tfittex ix-xogħol - tipprova taqla' biċċa ħobż onestà bil-għaraq ta' ġbinek?

*( Bieb jinfetaħ. Ħsejjes ta' traffiku.)*

Mur u rabbi l-għaqal.

*(Bieb jingħalaq.)*

Puu għalih, 'qas biss isellem ma jindenja ruħu!

SKRIVAN: Għal-lum daqshekk! Agħlaq il-bieb, Bidillu.

RAĠEL QARRIEQI: Imma Sur Skrivan, għadhom 'qas daqqu l-ħdax.

SKRIVAN: Fuq l-arloġġ tiegħi nofs in-nhar!

RAĠEL QARRIEQI: Skużani, mhux għax irrid inmerik, iżda naħseb li għandek 'il quddiem. Fuq tiegħi il-ħdax, Sur Skrivan.

SKRIVAN: Qed ngħidlek daqq nofs in-nhar! Kemm xtrajtu tiegħek wara kollox?

RAĠEL QARRIEQI: L-arloġġ? Żewġ liri.

SKRIVAN: Ħa! U minn fuq il-Monti jkolli ngħid!?

RAĠEL QARRIEQI: Eeh.

SKRIVAN: Ħsibtu jien! L-arloġġ tiegħi tad-deheb tal-24 karat, għandu l-kalendarju inkorporat, huwa *shockproof* u *anti-magnetic* u kelli nħallas paga ta' xaħrejn biex xtrajtu! Bilfors nofs in-nhar mela! Agħlaq dawk il-purtelli, Bidillu.

BIDILLU: Iva, sinjur. Ravjul għandna għall-ikel, hux Sur Skrivan? *Buon appetit!*

SKRIVAN: Grazzi. Jiena sejjer.

RAĠEL QARRIEQI: Ma tistax iżżommulek għas-sħana r-ravjul il-mara, hux Sur Skrivan? Kemm teħles lili...

SKRIVAN: Kemm int fitt! Ir-ravjul m'għandux x'jaqsam! Saħħa!

*Bomba tisplodi fil-qrib.*

*Ħġieġ jinkiser.*

*Għagħa tan-nies fit-triq.*

SKRIVAN *(iqaħqaħ, fgat bit-trab u d-duħħan)* X'inhi diż-żiffa?! Agħlqu dak il-bieb!

BIDILLU *(jisgħol fgat)*: Il-bieb magħluq, Sur Skrivan. Il-ħġieġ tiegħu li m'għadux hemm.

SKRIVAN: Fejn mar?

BIDILLU: Inkiser. Jalla daħlitx xi biċċa f'għajnejja x-xellugija.

SKRIVAN: Inkiser biex? Min? Kif? Xi ħadd bilfors li sabbat il-bieb! Żgur dak li ħareġ l-ewwel - l-Astronomu! Hux hu kien? Tkellem int, x'int tagħmel fl-art?

RAĠEL QARRIEQI *(jokrob):* Skużani, Sur Skrivan. Naħseb li jien ukoll għandi xi *splinter* ġewwa moħħi. Naħseb li qed immut...

SKRIVAN: Stajt għedtli mill-ewwel! Għalfejn qed iżżommni bil-kliem mela?

*L-għagħa fit-triq tiżdied.*

*Ħsejjes ta' sireni, ambulanzi, 'fire-engines', muturi tal-pulizija eċċ.*

SKRIVAN: It-traffiku qed jiżdied. Jaqaw nofs in-nhar, Bidillu?

RAĠEL QARRIEQI *(dejjem jokrob):* Għadhom il-ħdax.

SKRIVAN: Mhux lilek għedt! Ma kontx se tmut int?

BIDILLU: Min jaf ġarax xi ħaġa?

SKRIVAN: Hemm barra?

BIDILLU: Ħa nittawwal ħa.

SKRIVAN: Agħlaq il-bieb warajk...

*(Bieb jinfetaħ - l-għagħa fit-triq tiżdied)*

Imma lil min tgħid!?

*Pawsa. Il-bieb jingħalaq. Tonqos l-għagħa.*

BIDILLU *(jokrob u jilheġ):* Ix-xjaten jeħduhom! Ma tista' tafda 'l ħadd!

SKRIVAN: X'inqala'?

BIDILLU: Kelli r-rota hawn ħdejn il-bieb serquhieli - dik hi!

SKRIVAN: Għalhekk dil-ħamba kollha?

BIDILLU: Serquhieli! *(Ikompli - jagħti l-aħbar bla ebda importanza jew interess.)* Il-Palazz tal-Ġustizzja m'għadux hemm lanqas. Iġġarraf kollu u sar irmied. Xi spluzzjoni qed jgħidu.

SKRIVAN *(mgħaddab):* Ma tistax tmur tirraporta s-serqa tar-rota mela!

BIDILLU: Ma nafx jien?! Mhux għalhekk nirrabja! Kien kollox ippjanat minn qabel!

SKRIVAN: Imma dan kif serquhielek? Ma kinetx maqfula bil-katnazz mal-gradilja tal-kantina?

BIDILLU: Lanqas il-katina ma ħallew! Taret bl-ispluzzjoni u jekk rajt sew kien hemm xi nofs tużżana nies mirduma taħt il-ġebel. Jalla hux qegħdin imutu. U hawn, ara, dan wieħed minnhom ikolli ngħid, dan li ġej...

RAĠEL QED IMUT: Jekk jogħġobkom, għinuni. Qed immut.

SKRIVAN: Int ukoll! Agħlaq dak il-bieb!

RAĠEL QED IMUT: Qed immut.

SKRIVAN: Dan uffiċċju tax-xogħol, mhux sptar! Barra dan nofs in-nhar 'ġà daqq. Ejja għada!

RAĠEL QED IMUT: Ma nafx inkunx nista'...

SKRIVAN: Tippruvax tappella għall-ħniena tiegħi! Issa drajtkom, dejjem titkarrbu. Ejja għada għedtlek. ...Le, le, le - toqgħodli xejn bil-qiegħda fuq l-għatba; hawn biżżejjed fil-kjù!

RAĠEL QED IMUT: Skużani, għandek raġun. L-għodwa t-tajba.

SKRIVAN: Saħħa!

BIDILLU: Isma’ ħabib, għalli jista’ jkun ma rajtx xi rota ħamra li kien hemm ħdejn?...

*(Bieb jinstabat)*

Telaq! Seta’ qal xi ħaġa wkoll - ma kienx se jaqagħlu lsienu! Seta’ wieġeb!

SKRIVAN: Ma jafux x’inhi krejanza. Dik hi. *(Pawsa qasira)* Ma stajtx inżommu hawn, mhux hekk?

BIDILLU: ...Jew - ma kienx se jaqagħlu lsienu.

SKRIVAN: Għax ma jaħsbux qabel, dak li nixtieq naf! Kulħadd iħalli għall-aħħar. U jekk irid imut wara kollox missu mar id-Dipartiment tas-Saħħa - mhux hawn!

*Qanpiena ġġenġel ta’ “fire-engine”.*

SKRIVAN: Qed tara bħali, Bidillu? Donnu hawn aktar dawl. Tgħid nofs in-nhar?

BIDILLU: Le, dak il-bini ta’ faċċata li qed jinħaraq.

SKRIVAN: Nispera li qed iżżommhomli fis-sħana l-mara.

BIDILLU: Ir-ravjul?

SKRIVAN: U l-braġoli. Imma dan m’għandux x’jaqsam. Jien xorta f’nofs in-nhar irrid noħroġ minn hawn. Id-direttiva tal-*union* tgħid li m’hemmx xogħol bis-sahra, speċjalment fis-sajf.

BIDILLU: Il-bieraħ kien l-Għid.

SKRIVAN: M’għandux x’jaqsam. Jiena sejjer. Fejn hu l-bieb?

BIDILLU: Ikollok toħroġ minn ta’ wara. Il-faċċata ta’ quddiemna ħuġġieġa waħda.

SKRIVAN: L-għodwa t-tajba.

BIDILLU: Saħħa, Sur Skrivan. Eh, għal għada - kafè bil-ħalib jew inkella tè?

SKRIVAN: Tè - mhux tat-*tea-bags* imma.

BIDILLU: Tal-kwart, hux hekk?

SKRIVAN: Tinsiex il-qagħaq.

BIDILLU: Erbgħa, bħas-soltu. Taħseb xejn, ma ninsiex. Saħħa, sinjur.

SKRIVAN *(indeċiż):* Ehmm.. eh, saħħa... Kont sejjer jien, hux?

BIDILLU: Isma', qed naħseb u ngħid kieku tgħaddi minn fuq il-bjut forsi tasal fil-ħin ta' l-ikel id-dar.

SKRIVAN: Grazzi ta' l-idea, iżda għandi l-karozza wara l-kantuniera.

BIDILLU: Imma b'dat-traffiku kollu żgur tasal tard illum. Ara ftit.

*Ħġieġa tinkiser.*

BIDILLU: Skużani, Sur Skrivan. B'din għajni x-xellugija ma qed nara xejn. Ħsibt li ma kienx baqa' ħġieġ fit-tieqa.

SKRIVAN: Kissirt l-unika waħda li kien baqa'.

BIDILLU: Ma rajthiex. It-trasparenza tqarraq; li ma daħħaltx rasi minn ġo fiha ma kontx nintebaħ.

SKRIVAN: L-aqwa li issa nistgħu naraw.

BIDILLU: Iva, hemm ħares. Hemm kien il-Palazz tal-Ġustizzja.

SKRIVAN: Ma nistax nara. Iċ-ċpar.

BIDILLU: Le, sinjur, dak duħħan.

SKRIVAN: Grazzi. Xorta ma nistax nara. Fejn għedt li kien il-Palazz tal-Ġustizzja?

BIDILLU: Hemm.

SKRIVAN: Ma nistax narah.

BIDILLU: Appuntu - mhux hemm. Splodieh xi ħadd.

SKRIVAN: Għalhekk dat-traffiku?

BIDILLU: It-toroq kollha ġġamjati.

SKRIVAN: U jien kif se nasal id-dar? Splużżjoni kien jonqos! Imma kif ħadd ma baqagħlu sens ta' proporzjon! Mhux biżżejjed dojoq it-toroq! Fejn hija l-pulizija? Tat-*Traffic* x'inhuma jagħmlu? Dawk il-karozzi kollha pparkjati u l-oħrajn għaddejjin *wrong side* - għax m jwaħħlulhomx multa!? Fiex se naslu nixtieq naf! Min tahom il-liċenzja!? Min?!...

BIDILLU: Ħares - hemm dak ir-raġel qed jipprova jaqsam it-triq.

SKRIVAN: U lanqas jindenja ruħu juża ż-*zebra-crossing*!

BIDILLU: Jidher mgħaġġel.

SKRIVAN: Qed iħaffef kieku.

BIDILLU: Jiġri! U jlebbet!

SKRIVAN: Jew jaħrab? *(Kemmxejn inkwetat.)* Hemm dawk donnhom qed jiġru warajh.

BIDILLU: Tgħid għamel xi ħaġa?

SKRIVAN: Forsi waqgħetlu xi ħaġa mill-but jew tilef xi ħaġa u dawk qed jiġru warajh biex irodduhielu.

BIDILLU: Karità kristjana, bħal speċi.

SKRIVAN: Eh, bħal speċi.

BIDILLU: Ma mmerikx. Kollox jista' jkun. Biss ikolli ngħid dak għamel xi ħaġa u qed jiġru warajh biex ipattuhielu. Ħares! Waqfu issa. M'għadhomx jiġru warajh. Qed jgħollu idejhom!...

SKRIVAN *(beżgħan):* Hemm x'għandhom f'idejhom?

BIDILLU: Qed jimmiraw!

SKRIVAN: U hu wkoll. X'ser jagħmlu?

*Hsejjes ta' sparaturi.*

SKRIVAN: Waqfu?

BIDILLU: Dak ta' l-ewwel reġa' qabad jiġri.

SKRIVAN: Tnejn mill-oħrajn baqgħu mindudin fl-art. Tgħid għejew?

BIDILLU: Jew feruti.

SKRIVAN: Jista' jkun mietu wkoll. Hemm għadira ħmura ġmielha.

BIDILLU: Demm!! - Ħares, ġej 'l hawn!

SKRIVAN: Min?

BIDILLU: Hemm arah! Dak li qed jiġru quddiem! 'L hawn ġej!

SKRIVAN: U għandu d-daqna!

BIDILLU: U n-nuċċali!

SKRIVAN: U fuq kollox għadu ġej ’l hawn! Agħlaq dik it-tieqa!

BIDILLU: Għalfejn, la m’hemmx ħġieġ?...

SKRIVAN: X’ser nagħmlu?! *(Imwerwer.)* X’ser naqbdu nagħmlu?!

BIDILLU: Rana issa!

SKRIVAN: Magħmula tiegħi!

BIDILLU: Qed ixejjer.

SKRIVAN: Ixejjer lilek?

BIDILLU: Jew lilek!

SKRIVAN: Ma jistax ikun! Jien ma nafux! Qatt ma rajtu f’għomri. Bilfors li lilek qed ixejjer.

BIDILLU: Jixbaħ xi ftit lill-Astronomu.

SKRIVAN: Taħseb? ’Qas itih lemħa! Dak kellu bagalja meta ħareġ minn hawn.

BIDILLU: U issa m’għandux. Tgħid x’għamel biha?

SKRIVAN: Reġa’ qed ixejjirlek!

BIDILLU: U b’żewġ ponnijiet issa! Imma jkolli ngħid lilek qed ixejjer.

SKRIVAN: Lilek! Stenn!... X’se jagħmel?! Le!

BIDILLU: Attent! Baxxi rasek!

*Ħġieġa tinkiser.*

SKRIVAN: X'ġara? Mar?

BIDILLU: Baqa' għaddej. Daħal ġo bieb.

SKRIVAN: Għalfejn xħettni fl-art? Kien hemm għalfejn tippanikja?! Għalfejn dawn l-isteriżmi?! Għalfejn!!

BIDILLU: Ara x'hawn. B'din kissirha l-ħġieġa.

SKRIVAN: Ma kienx hemm ħġieġ! Ma kienx baqa'!

BIDILLU: Għedtlek, it-trasparenza tqarrqaq. Ċiss, ara x'waddablek!

SKRIVAN: Waddab? Forsi waqagħlu mill-but.

BIDILLU: Waddabulek. Ghamiltu xi ħaġa inti?

SKRIVAN: Lilek waddbu. Dal-mus mhux ġdid għalija.

BIDILLU: Imsaddad. Forsi m'għadx għandu bżonnu.

SKRIVAN: U għal-leħja kif se jagħmel?

BIDILLU: Forsi mhux se jqaxxarha aktar.

SKRIVAN: Jew forsi ddobba *electric shaver*. Mietlu zijuh.

BIDILLU: Bilħaqq, issa li qed niġi fiha: taf fejn mar dak?

SKRIVAN: Min?

BIDILLU: Nestu tad-daqna.

SKRIVAN: M'għedtx li daħal ġo xi bieb?

BIDILLU: Hekk hu. Daħal mill-bieb ta' l-Uffiċċju tax-Xogħol.

SKRIVAN: Tajjeb! Tajjeb; forsi sejjer jirreġistra għax-xogħol... Eh! Kif!? X'għedt-fejn-min?! Il-bieb ta' hawn?!

BIDILLU: Hekk deherli.

SKRIVAN: Ma jistax ikun! Ftit ilu għedtli li mill-bieb ma tistax tgħaddi minħabba l-ħruq ta' faċċata!

BIDILLU: Qabel daħal xeħet fuqu libsa ta' l-asbestos kontra n-nar u libes maskra tal-gass.

SKRIVAN: Hawn ġej mela! Hawn!

BIDILLU: U l-oħrajn daħlu jiġru warajh ukoll...

*Sparaturi fil-qrib.*

SKRIVAN: Dawk - dawk faqqaturi?

BIDILLU: Baqagħlha ftit il-festa tar-raħal.

*Aktar faqqaturi.*

SKRIVAN: Eh, Bidillu, ma taħsibx li... Irrid ngħid, wara l-iskrivanija tiegħi wieħed jista' jidħol... jistrieħ sew, mhux hekk?

BIDILLU: Hemm fejn jidħlu tnejn?

SKRIVAN: Kienu staħbew warajha d-deputati kollha tal-Gvern, inkluża l-Oppożizzjoni.

BIDILLU: Idea tajba. Ftit mistrieħ wara x-xogħol jagħmel tajjeb. Speċjalment meta jidħollok fl-uffiċċju xi raġel bid-daqna u b'intenzjonijiet xejn amikevoli.

*Sparaturi fil-qrib.*

Naħseb dan hu!

SKRIVAN: Waslu! Iġri!

BIDILLU: Żul min-nofs! Ar'hemm!

*Ħsejjes ta' ġiri, xi siġġu jinqaleb.*

*Konflagrazzjoni ta' sparaturi fil-kamra; sparar ta' pistoli, 'machine-guns', spluzzjoni ta' xi 'hand grenade'.*

SKRIVAN *(jokrob):* Meta nispiċċa nistrieħ hawn taħt bi ħsiebi nirrappurtak, Bidillu. Kellek tħalli l-preċedenza lili!

BIDILLU: Imma jien dħalt qablek Sur Skrivan biex infarfarlek xi ftit mill-għabra, għalhekk.

SKRIVAN: Kien jeħtieġlek tisfrundali l-istonku biex tfarfar l-għabra?! U x'int iddeffisli fis-sinsla ta' dahri issa!?

BIDILLU: Skużani, Sur Skrivan, dik irkobbti.

*L-istorbju ta' sparar fl-aqwa tiegħu.*

BIDILLU: Ikolli ngħid qed jiġri xi ħaġa hemm ġew.

SKRIVAN: Ajma! Din ir-raba' darba li rfist fuq żaqqi biex tittawwal. Ta' din għad trid tpattiha!

*Il-ħsejjes jonqsu sa ma jispiċċaw fix-xejn. Skiet.*

BIDILLU: Naħseb li issa... iva, telqu. Tista' toħroġ issa, Sur Skrivan. *Raiders past.*

*Ħsejjes sa ma* L-SKRIVAN *u* l-BIDILLU *joħorġu minn taħt l-iskrivanija.*

SKRIVAN *(jilheġ u jnewwaħ):* Ajma dahri! Uuħ!

BIDILLU: Bil-mod, bil-mod, Sur Skrivan, ara se tirfes lil dak.

SKRIVAN: Iżul min-nofs jekk ma jridnix nirfsu! Ajma! Min hu dak wara kollox?

BIDILLU: Min kien ridt tgħid. Għandu uniformi kieku. Tgħid pulizija?

SKRIVAN: Dak liebes l-aħmar, mhux il-blu.

BIDILLU: Ma niskantax kinetx blu qabel iċċapset dik l-uniformi.

SKRIVAN *(jokrob)*: Ajma jaħasra, mifluġ jien! Spiċċajt! Ara meta nerġa' niġi ma nsibx dal-kaos kollu, Bidillu. Jiena sejjer. Fejn hu l-kappell?

BIDILLU: Hawn, sinjur. L-għodwa t-tajba. Dwar it-tè għal għada?...

SKRIVAN: Tè tal-kwart, mhux tat-*tea-bags*. U tinsiex il-qagħaq. Iżda le - għal għada m'hemmx għalfejn. Ma naħsibx li niġi. Nieħu ġimgħa *sick-leave*. Ilu jgħidli t-tabib li qed naħdem wisq. U l-mara wkoll. U fuq kollox tridni nbajjad id-dar għat-tieġ tagħna. Ma naħsibx li niġi għada le.

BIDILLU: Imma allura dwar il-qagħaq, sinjur...

SKRIVAN: Tieġ privat se jkun; m'hemmx bżonn ħelu.

BIDILLU: Le, ridt ngħid il-qagħaq ta' l-uffiċċju, Sur Skrivan. Taf li xtrajna tużżana l-bieraħ; iffrankajna tliet ħabbiet fuq kull waħda. Dnub jintremew.

SKRIVAN: Żommhom sakemm nerġa' niġi.

BIDILLU: Imma jilħqu jinxfu, sinjur!

SKRIVAN: Mhux għalija rridhom. Fil-Milied nibgħathom donazzjoni lil xi istitut. Jeħtieġ li f'dawn il-jiem ta' hena u paċi kulħadd igawdi.

BIDILLU: Tabilħaqq. Issa nieħu ħsieb jien.

SKRIVAN: Imma l-irċevuta rridha f'ismi.

BIDILLU: Tiħux ħsieb.

SKRIVAN: Anzi ara, l-aħjar li jibgħatuħieli bil-posta l-irċevuta. Posta reġistrata. Ma jimpurtax tasal tard minħabba xi strajk. L-aqwa li tasalli. Basta jibgħatuli wkoll kartolina ta' xewqat tajba.

BIDILLU: Għall-Milied?

SKRIVAN: U l-Ewwel tas-Sena.

BIDILLU: U għall-Epifanija le?

SKRIVAN: Jekk jidhrilhom li jkun xieraq, għala le? Wara kollox rawha qalbi. Tinsiex tibgħathom.

BIDILLU: Ma ninsiex, Sur Skrivan. Int qalbek tad-deheb tabilħaqq.

SKRIVAN: Hekk dejjem tgħidli l-mara. Jiena sejjer. Qis li ma nsib xejn minn dan l-imbarazz meta niġi. Tħallinix nerġa' nirrappurtak.

BIDILLU: Le. Saħħa, sinjur. *(Pawsa.)* Qed tistenna xi ħaġa, Sur Skrivan?

SKRIVAN : Nistenna? *(Imħasseb - jipprova jqum fuq tiegħu)* Le, le. Sejjer. Eh - ittawwal ftit kif inhu t-traffiku, Bidillu.

*Pawsa qasira. Ħornijiet ta' karozzi.*

BIDILLU: Kollox wieqaf. Ħadd ma jista' jimxi. Hemm erba' esperti fuq it-tiġrif tal-Palazz tal-Ġustizzja. Qed jiddiskutu jaqbilx jibdew jiżgumbraw it-toroq inkella jibnux palazz tal-ġustizzja ġdid.

SKRIVAN: Kemm huma stupidi imma!

BIDILLU: Mhux la kemm tgħid, sinjur. Il-problema għandha l-lati insidjużi tagħha. Ara ftit; tnejn mill-esperti jsossnu li t-traffiku jrid jibda jimxi qabel jibda x-xogħol fuq il-bini l-ġdid. It-tnejn l-oħra iżda tal-fehma li l-Ġustizzja għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox. Iqum skandlu pubbliku liema bħalu kieku kellhom jinbdew ix-xogħol infra-strutturali qabel ma

jittieħdu passi biex il-Ġustizzja titqiegħed fuq saqajha.

SKRIVAN: L-għażla m'hix mill-eħfef minn daqshekk.

BIDILLU: Barra dan hemm il-problema ta' kif jistgħu jerġgħu jgħammduha.

SKRIVAN: Il-Ġustizzja? Għaliex - ma kinetx nisranija? X'hemm bżonn magħmudija?

BIDILLU: Il-Gustizzja 'in se' nisranija kieku. Imma jien għall-istatwa tal-Ġustizzja li kien hemm fuq il-bejt tal-Palazz qed ngħid.

SKRIVAN: Jaqaw, xi ġralha? Tgħidlix li bl-ispluzzjoni waqagħla l-għamad minn quddiem għajnejha u tilfet il-miżien.

BIDILLU: Ma ngħidlekx - imma dak li ġara preċiżament. Tilfet l-għamad u l-miżien u baqagħlha biss ix-xabla. U issa tista' tara wara kollox - m'għadhiex tista' tagħmel ħaqq bla preġudizzji.

*Ċapċip u agħjat minn barra t-triq.*

SKRIVAN: X'ġara issa?

BIDILLU: Aħbar tajba, sinjur! Xi ħadd sab il-miżien ta' l-istatwa tal-Ġustizzja!

SKRIVAN: M'hawnx għalih! Sa fl-aħħar forsi naslu xi mkien issa. Ħaqqu min jagħtih midalja.

BIDILLU: 'Ġà tawhielu. Hemm hu arah - dak ir-raġel - l-eroj tagħna!

SKRIVAN: X'tiela' jagħmel mal-ħajt tas-Supermarket?

BIDILLU: Iqiegħed il-miżien lura f'idejn l-istatwa, sinjur. Il-Ġustizzja nxteħtet hemm bl-ispluzzjoni - eżatt fuq is-saqaf tas-Supermarket bejn riklam tat-trab tal-ħasil u ieħor tal-luminata... Arah tiela'!

*(Ċapċip.)*

Wasal! Hemm arah - se jwaħħal il-miżien. Waħħlu!

*(Ċapċip.)*

Se jkompli tiela sa fuq nett. Ħa jagħmlilha wkoll maktur madwar għajnejha - se jgħammidha. Tiela' - wasal! Qed jorbot il-maktur issa... Rabtu!

*(Ċapċip.)*

Hemm hu, lest!... *(Jinħasad.)* Le! Ser jiżloq! Ser... Żelaq!!

*Ħemda fost il-folla. Imbagħad "AAAAHH!!"*

SKRIVAN: Le, żamm! Żamm mal-miżien ta' l-istatwa!

BIDILLU: Bilkemm qed iżomm - il-miżien qed jitgħawweġ.

SKRIVAN: L-eroj tagħna iżda qed jipprova jiddrittah! Qed jirnexxilu! M'hawnx għalih!

BIDILLU: Bravu! Bravu!

*Ċapċip u għajat mill-folla.*

*Sparatura.*

*Hemda.*

BIDILLU: X'ġara? Żelaq.

SKRIVAN: Waqa' għal isfel.

BIDILLU: Miet. Smajtu dak il-ħoss? Jaħsbu li nħasad malli semgħu.

SKRIVAN: Kienu qed iċapċpu wisq - sturdewh.

BIDILLU: Hekk qed jgħidu. F'nofs moħħu sabu tebgħa ħamra. Jaħsbu iżda li kienet ferita tal-gwerra li għaddiet.

SKRIVAN: Imma dmiru lejn pajjiżu qdieh! Issa l-Ġustizzja tinsab mgħammda mill-ġdid u reġgħet bil-miżien f'idejha.

BIDILLU: Dnub li l-maktur li bih għammduha kien tan-*nylon* - xorta tista' tara minnu.

SKRIVAN: Il-miżien baqa' xi ftit żbilanċjat ukoll. Imma dejjem aħjar mix-xejn. Tistħoqqlu dik il-midalja li tawh lill-eroj tagħna.

BIDILLU: Diġà qed jiffirmaw petizzjoni biex tingħatalu oħra postuma.

SKRIVAN: Min jaf kemm ser tifraħ ommu meta ssir taf.

BIDILLU: Jista' jonqos?

*Jerġa' jibda l-istorbju ta' ħornijiet tat-traffiku wieqaf.*

SKRIVAN: Għandu jkun iddejqu.

BIDILLU: Sakemm jerġgħu jibdew triqthom qagħdu jħarsu madwarhom, jaraw għall-ewwel darba x'inhu jiġri; mhux dejjem tiġik opportunità meta tkun issuq; mhux dejjem tkun tista'. Ma ddejqux jistennew sa kemm kien hemm x'tara.

SKRIVAN: Imma issa reġa' waqaf kollox - ftakru li qed jistennew. Għaliex ħadd ma jagħmel xejn?! X'inhu jiġri issa, Bidillu?

BIDILLU: Fuq it-tiġrif tal-Palazz tal-Ġustizzja issa hemm tmien esperti. Tnejn minnhom imħallfin tal-Prim Awla.

SKRIVAN: X'qed jgħidu; x'qed jgħidu?

BIDILLU: Ħadd ma jista' jgħid. L-ispluzzjoni tarrxithom u ma jistgħux jifhmu x'qed jistaqsuhom ta' madwarhom.

SKRIVAN: Imma dan kaos sħiħ! Għaliex ħadd ma jagħmel xi ħaġa? Din konfuzjoni papali! Diżorganizazzjoni diżorganizzata! Din - din!...

BIDILLU: ...Kobba mħabbla - b'xi ġonot 'l hawn u 'l hinn.

SKRIVAN: Min jorbot l-għoqod għandu jiftakar li xi ħadd għad irid jiġi biex iħollhom!

BIDILLU: Aħjar jagħmel ċoff, tgħid int? Imma ċoff jinħall malajr wisq - m'hemmx għaqda - m'hemmx saħħa.

SKRIVAN: Jiġifieri aħjar kobba mħabbla mela?

BIDILLU: B'xi ġonot 'l hawn u 'l hinn. Il-problema hi kif issib min iħollhom.

SKRIVAN: Nixtieq naf x'hemm bżonn il-għoqod imma?! Kollox għandu jkun ċar u konkret. Ta' min hi l-ħtija ta' dil-konfużjoni?!

BIDILLU: Taqtax qalbek - qatt taqta' qalbek. Isma', jien se nagħlaq jew le?

SKRIVAN: Daqq nofs in-nhar?

BIDILLU: Dalwaqt.

SKRIVAN: Tgħid nista' noħroġ issa?

*Bieb jinfetaħ u jingħalaq. Passi ta' xi ħadd dieħel.*

ASTRONOMU *(għadu 'l bogħod - jistenna ħdejn il-bieb):* L-għodwa t-tajba.

BIDILLU: L-għodwa t-tajba, sinjur.

*Pawsa.*

SKRIVAN *(minn taħt l-ilsien):* Min hu dak?

BIDILLU: Ma nafx. Xi jrid tgħid?

SKRIVAN: Xejn ma qed jogħġobni.

BIDILLU: Għaliex? Jidher liebes pulit.

*Ħoss ta' bank ta' l-injam.*

SKRIVAN: Ġabar il-bank mill-art u poġġa. Rabat idejh fuq sidru. X'qed jistenna?

BIDILLU: Tgħid mhux lilek?

SKRIVAN: Imma għaliex dejjem lili? Kif tfattarha dejjem li lili jrid bilfors?!

BIDILLU: Għax int superjur tiegħi - int fuqi hawn - int l-awtorità. Bil-fors li lilek irid.

SKRIVAN: Ma togħġobni xejn imġiebtu.

BIDILLU: Anki xagħru ppettnat pulit. Għandu qmis bajda u libsa sewda - biċ-ċoff iswed ukoll.

SKRIVAN: Għadu jistenna.

BIDILLU: Iħares lejk u jistenna.

SKRIVAN: Għaliex ma jitħarrikx - jgħid xi ħaġa?

BIDILLU: Donnu m'għandux għaġla. Lest jistenna sa l-eternità.

SKRIVAN: X'jista' jrid minni?

BIDILLU: Int itlaq, Sur Skrivan. Għada hawn issibu.

SKRIVAN: Għada m'iniex ġej.

BIDILLU: Jibqa' jistenna.

SKRIVAN: Iżda *jien* ma nistax nistenna! Għada rrid niżżewweġ. Ma nistax niżżewweġ u l-ħin kollu naf li hawn dan jistennieni min jaf għaliex malli nidħol l-uffiċċju. Kif tridni ngawdi ż-żwieġ b'dawn il-ħsibijiet f'moħħi?!

BIDILLU: Int għax ma teħilsux malajr mela?

SKRIVAN: Mela naf kif!? - Attent, qam bil-wieqfa!

BIDILLU *(taħt l-ilsien):* Ġej ’l hawn.

SKRIVAN: Ibqa’ ħdejja, Bidillu, f’ġieħ kemm hemm!

*Passi tqal resqin.*

ASTRONOMU: Skużawni...

SKRIVAN: Jien m’iniex hawn!

BIDILLU: Emm, ridt xi ħaġa, sinjur?

ASTRONOMU: Għandi nifhem li l-uffiċċju għadu m’għalaqx, hux hekk?

BIDILLU: Ngħidlek is-sew ma nafx - m’iniex żgur. Tlift kull kont ta’ ħin. Int ridt xi ħaġa?

ASTRONOMU: Lil das-sinjur.

SKRIVAN: Li.... lili?

ASTRONOMU: Jekk jogħġbok.

SKRIVAN: Ma jistax ikun trid lili! Issa tard wisq - nofs in-nhar ilu li daqq! Ara l-arloġġ tiegħi bil-kalendarju inkorporat, *shock-proof*, *antimagnetic* u *water-proof* u li swieli xahrejn paga!

ASTRONOMU: Fuq l-arloġġ tiegħi għad baqa’ għaxar minuti għal nofs in-nhar.

SKRIVAN: L-arloġġ tiegħek? Int għandek arloġġ?...

ASTRONOMU: Arloġġ-kronometru; jaħdem bil-battri elettrika, jagħti l-ħabel lilu nnifsu, tista' tafda fuqu kompletament - ivarja biss sekonda f'elf sena.

SKRIVAN: Iva eh? Sabiħ - sabih hafna. Tal-għaġeb. Mhux hekk, Bidillu?

BIDILLU: Qatt ma rajt isbaħ.

ASTRONOMU: Grazzi.

SKRIVAN: U skond dan l-arloġġ allura?...

ASTRONOMU: Arloġġ-kronometru. Mhux l-istess ħaġa.

SKRIVAN: Skużani; skond l-arloġġ-kronometru tiegħek allura nofs in-nhar għadu ma daqqx?

ASTRONOMU: Baqa' tmien minuti. Preċiżament,...

SKRIVAN: Nemmnek, nemmnek! Isma', jekk għandek bżonn xi ħaġa kemm tgħidli taf, sinjur.

ASTRONOMU: Grazzi. Nixtieq napplika għax-xogħol.

SKRIVAN: Int?

ASTRONOMU: Jien. Hawn għandi l-karti kollha meħtieġa.

SKRIVAN: Ha narahom. Jekk hu hekk malajr nirranġaw.

*(Tħaxwix ta' karti.)*

Hmm, Iva tajjeb... Tajjeb. U din?!

ASTRONOMU: Karta ta' l-identità.

SKRIVAN: Qed nara. Dar-ritratt mhux ġdid għalija.

ASTRONOMU: Urejtulek dalgħodu.

SKRIVAN: Dalgħodu?... Ah, iva, iva... issa qed niftakar! Qisu l-bieraħ! Int is-Sur Astronomu, hux hekk? Kif inti, tajjeb?

ASTRONOMU: Aħjar grazzi.

SKRIVAN: Eh, kont għedtlek li terġa' tiġi lura, tiftakar?

ASTRONOMU: Nammetti. Kellek raġun int. Fhimt u rajt li fl-aħħar mill-aħħar ma jaqbillix li ismi jinqata' mil-leġistru.

SKRIVAN: Issa qed titkellem ta' raġel bil-għaqal! M'għedtlekx mill-ewwel kont jien! Ma tridx titlef il-fiduċja.

ASTRONOMU: Hekk hu.

SKRIVAN: Imma għax tgħid kemm qed narak inbdilt mill-ewwel 'l hawn.

ASTRONOMU: Minħabba l-ilbies forsi. Neħħejt in-nuċċali wkoll. Il-lentijiet ma kinux jaqblu - kienu qed iċajpruli l-vista.

SKRIVAN: U mingħajrhom issa?..

ASTRONOMU: Ftakart li jien miopiku.

SKRIVAN: U qed ngħid... id-daqna - m'għadx għandek id-daqna lanqas.

ASTRONOMU: Hekk hu. Iżda dwar dak ix-xogħol li semmejt l-ewwel...

SKRIVAN: Eh, iva. Ridt tapplika, hux hekk? Għidli, għidli...

BIDILLU *(iqaħqaħ pulit):* Ehm, skużi ftit, Sur Skrivan...

SKRIVAN: X'ġara? Xi trid, Bidillu? Ma tarax li qed inkellem lis-sinjur?

BIDILLU: Iva, u nitolbok skuża, sinjur. Imma jiena hawn xogħli hu li nara li kulħadd iżomm il-kjù, ikun min ikun, il-kjù jeħtieġ li jinżamm: prinċipju ta' preċedenza kif dejjem tgħidli int, Sur Skrivan. U qabel taqdi lil das-sinjur tinsiex li hemm dawk l-oħrajn li ilhom jistennew wisq qablu...

SKRIVAN: Fejn? Min ilu jistenna? Dawk li hemm jitmiegħku ma' l-art? X'qed jagħmlu fl-art jekk iridu jinqdew? Dawk reqdin!

ASTRONOMU: Aktar qishom mejtin, ma taħsbux?

SKRIVAN: Reqdin jew mejtin l-istess ħaġa. M'iniex se naqdihom, Bidillu. Misshom qagħdu fil-kjù.

BIDILLU: Skużani, Sur Skrivan; għandek raġun int.

SKRIVAN: Mhix ħaġa ġdida. Mela, Sur Astronomu, ġejt għax xogħol kont qed tgħidli. Jeħtieġ inħaffu iżda; dalwaqt nofs in-nhar... Mela, kif għedtlek dalgħodu, l-applikazzjonijiet għax-xogħol ta' Astronomu Osservatur...

ASTRONOMU: Skużi ftit. Jien m'għadnix infittex xogħol ta' Astronomu.

SKRIVAN: Le? Isma, dak mhux xogħol ta' min jiskartah; ma tantx issib astronomi kwalifikati bħalek.

ASTRONOMU: Naf; mill-konkorrenza ma nibżax kieku. Biss ma nistax nibqa' nistenna sa l-eklissi li jmiss biex insib impieg.

SKRIVAN: Eh, minn daqshekk ħadd ma jtik tort! Tistenna tletin sena! X'idea assurda!

ASTRONOMU: Banali.

SKRIVAN: Mela allura liema xogħol qed tfittex?

ASTRONOMU: Xi ħaġa differenti. Ħsibt u rajt li meta wieħed iqis il-qagħda preżenti tal-lum, u meta wieħed jara dak kollu li qed jiġri hemm barra - biex ma nsemmix dak li qed jiġri hawn ġew - ħsibt u rajt...

SKRIVAN: Iva, iva? Kieku nħaffu ftit jaħasra...

ASTRONOMU *(bl-istess lajma):* ...Li meta wieħed iqis il-fatt innegabbli li l-istatwa tal-Ġustizzja marret tgħammar fuq is-Supermarket bil-miżien immejjel...

BIDILLU: ...U fuq kollox b'għamad trasparenti quddiem għajnejha!

ASTRONOMU: ...U fuq kollox b'għamad trasparenti quddiem għajnejha; kif ukoll meta wieħed jisma' li l-imħallfin torox ħadu residenza temporanja-permanenti ġo l-istess Supermarket f'ħanut tal-laħam, u fuq kollox billi għadu mhux magħruf meta x-xogħol fuq il-Palazz tal-Ġustizzja l-ġdid huwa maħsub li jinbeda - wisq anqas meta se jitlesta - għalhekk, meta tqis il-pro u l-kontra ta' dil-qagħda, u billi żżomm dejjem quddiem għajnejk dawn il-fatti kollha u bosta oħrajn li ma nistax insemmi - għalhekk, ħsibt u rajt li sakemm tibqa' teżisti l-qagħda preżenti, il-professjoni ta' Astronomu u l-ħars kollu lejn stilel u kwiekeb ta' ġmiel bla qies iżda żvantaġġati mill-fatt li jinsabu mbegħdin wisq, il-professjoni ta' Astronomu, kif għedt, tlift kull ħajra għaliha. U għalhekk mingħajr ma ridt f'daqqa waħda fhimt u rajt li l-vokazzjoni tiegħi kellha tkun dik ta'... Bekkamort.

BIDILLU: Bekkamort?

SKRIVAN *(jaħsibha):* Ah. Bekkamort eh?

ASTRONOMU *(deċiż):* Bekkamort.

SKRIVAN: Bekkamort, iva. Idea stupenda! Brillanti!

BIDILLU: Ġenjali!

SKRIVAN: Forsi xi ftit makabra u pessimista, iżda prattiċissima!

ASTRONOMU: Grazzi. Tifhmu intom; għalxejn inkompli naħli għomri ngħarrex lejn kwiekeb imbiegħda biex imbagħad nitlef il-ftit li għandi taħt imnieħri.

SKRIVAN: Dik hi l-essenza tal-ħajja! Filosofija prattika tassew! Nies bħalek għandna bżonn. Malajr inqajmuha fuq saqajha d-dinja mbagħad.

BIDILLU: Tassew. *(Jiġbed nifs twil.)* Eh, imma - *E pur si muove.*

SKRIVAN: Bla dubju - *E pur si muore!*

ASTRONOMU: Għandi nifhem mela li nsibilkom post ta' bekkamort, hux hekk?

SKRIVAN: Jista' jonqos! Dalwaqt naqdik. Naraw ftit. *(Tħaxwix ta' karti.)* Naraw - naraw. *(Aktar tħaxwix.)* Irid ikun hawn xi ħaġa. *(Pawsa.)* Imma kif jista' jkun! *(Tħaxwix u aktar tħaxwix.)*

ASTRONOMU: Jaqaw?

SKRIVAN: Ma nistax insib... Imma jrid ikun hawn bilfors xi talba għal bekkamort ! In-nies trid tmut bilfors!... Hawn hi! Le - stenn ftit... Imma kif! Hawn għandi mniżżel kategorikament li m'hemm *ebda* offerta ta' xogħol ta' bekkamort!

*Taħbita mal-bieb. Bieb jinfetaħ bil-għaġla.*

TAL-POSTA: Posta!

*Bieb jingħalaq.*

BIDILLU: Sur Skrivan, ġew dawn għalik.

SKRIVAN: Iva wkoll fl-aħħar minuta jibgħatulek ix-xogħol! Gib 'l hawn. *(Tħaxwix ta' karti.)* Din mill-Uffiċċju tas-Sanità. *(Pawsa qasira.)* Sur Astronomu! Ara ftit! Int twelidt taħt stilla ħanina jkolli ngħid! Għadhom kif daħluli ruxxmata offerti ta' xogħol għal bekkamorti. Diżastru nazzjonali għadu kif laqat lil pajjiżna! Xi ħadd poġġa bomba taħt l-isptar lokali u tajru mas-smewwiet!

ASTRONOMU: U hemm il-mejtin?

SKRIVAN *(ferħan se jtir):* U ngħid! Mijiet! Eluf ta' mejtin!

ASTRONOMU: Għall-erwieħ. *(Waħdu.)* Ma ttajmjajtx tajjeb il-*fuse*. L-arloġġ li kelli ma kien jiswa xejn. Imma issa...

SKRIVAN: Iva, mela! U isma' din: huwa maħsub li se jkun hemm bosta xogħol għal żmien twil ħafna! Minn dejjem għedtu jien - ix-xogħol qatt ma jonqos!

ASTRONOMU: Mela nista' napplika għal bekkamort?

SKRIVAN: Isma' x'qallek! Malajr iżda - jeħtieġ inlestu kollox qabel idoqq nofs in-nhar. Bidillu, 'tini daqqa f'id. Newwel dik il-formola! Ħaffef!

BIDILLU: Hawn, sinjur!

SKRIVAN: Iffirmali hemm, jekk jogħġbok!

ASTRONOMU: Hawn? Nagħmel salib biex inħaffu?

SKRIVAN: Eċċellenti! Is-slaleb u l-bekkamorti jmorru flimkien. Lest? Ġib. It-timbru, Bidillu!

BIDILLU: Timbru!

*Ħoss ta' timbru.*

SKRIVAN: Hemm! Formola safra issa!

BIDILLU: Is-safra hawn!

SKRIVAN: Salib ieħor, sinjur!

ASTRONOMU: Tajjeb hekk? X'jonqos?

SKRIVAN: Timbru! Timbru!

*Hsejjes ta' timbru.*

SKRIVAN: Formola bajda - ta' l-aħħar! Salib ieħor hemm - hekk! Bolla ta' zewġ soldi. Oħroġ ilsienek, Bidillu!

BIDILLU: AAaaagħ!

SKRIVAN: Tapprofittax ruħek biex tgħajjeb! - U hemm aħna! Imwaħħlin. Għandek żewġ soldi, sinjur?

ASTRONOMU: Soldi? Ma naħsibx; ħa nara...

SKRIVAN: M'hemmx żmien! Tista' tagħmel ċekk jekk trid.

ASTRONOMU: Tassew. Hawn. Hekk tajjeb?

SKRIVAN: Ferm! L-aħħar timbru!...

*(Timbru)*

U lesti! Sur Astronomu, għandi l-pjaċir ngħarrfek li l-applikazzjoni tiegħek għal xogħol ta' Bekkamort Permanenti mad-Dipartiment tas-Saħħa ġiet milqugħa. Nifraħlek, Sur Bekkamort!

BEKKAMORT - EX-ASTRONOMU *(kiebi):* Niżżik ħajr. Ninsab ferħan se ntir. Sa fl-aħħar nista' ngħid li l-ħajja tatni xi ħaġa lili wkoll. Issa ħieni tabilħaqq.

*Arloġġ ta' knisja fil-qrib idoqq nofs in-nhar fuq nota newwieħa.*

SKRIVAN: Hemm hu - nofs in-nhar! Sa fl-aħħar! Sa fl-aħħar! Saħħa għalikom!

BEKKAMORT *(melankoniku aktar ma jmur):* L-għodwa t-tajba. Ħallini nerġa' niżżik ħajr ta' kemm għamilt miegħi...

SKRIVAN: M'hemm imniex - m'hemmx żmien! Dmir tiegħi! Skużani imma mgħaġġel. Għada sejjer niżżewweġ.

BEKKAMORT: Kondoljanze.

SKRIVAN: Grazzi, tant ieħor. Saħħa!

BEKKAMORT: Nittamaw li le.

*Ħoss ta' ħġieġ jinkiser.*

SKRIVAN: AAAAaaaaagħħħħħ!!

BEKKAMORT: Kellu għalfejn joħroġ mit-tieqa?

BIDILLU: Mgħaġġel, qallek. Moħħu mhux hawn.

BEKKAMORT: Dnub li waqa' fuq dak it-trakk tas-saqqijiet li kien hawn ipparkjat taħt it-tieqa. Kien imut zoptu kieku żgur. Kien jaħbat rasu mal-bankina, ifarrak wiċċu mal-bitmak, jikser is-sinsla ta' dahru, forsi jaħbat nagħsu wkoll, u jibqa' tal-kolp. Ma taħsibx li kien imut kieku?

BIDILLU: Hemm ċans.

BEKKAMORT: Min jaf kemm kien jifraħ ikun jaf li kont inkun jien il-bekkamort li nwasslu sal-qabar. U kollu mertu tiegħu li sabli dal-post. Tgħidli xejn, imma x-xogħol tiegħu joffrilu sodisfazzjon kbir tassew; jaf li dak li jagħmel kulħadd jibqa' jafulu, ukoll wara mewtu.

BIDILLU: Hekk hu. Imma jekk ma jimpurtax se nibda xogħli issa. Ma rridx li meta jiġi lura mill-isptar dak il-ballun minfuħ ta' skrivan jaqlagħli l-inkwiet għax isibli dal-kaos kollu għadu hawn.

BEKKAMORT: Tridx nagħtik daqqa t'id? Dawn il-kadavri nistgħu noħorġuhom 'il barra ma taħsibx?

BIDILLU: Jaqbel. Ara, nibdew minn dan l-oħxon.

RAĠEL QARRIEQI *(jokrob):* Nofs in-nhar... daqq?

BEKKAMORT: Stenna. Dan għadu ħaj miskin. Newwilli siġġu ftit.

BIDILLU: Hawn, attent, għandu sieq żlugata...

*Ħoss qawwi ta' daqqa ta' siġġu.*

RAĠEL QARRIEQI - SUPPOST MEJJET *(jokrob waħda twila u ta' l-aħħar):* AAaaaaaaaaAGH! *(Miet.)*

BEKKAMORT: Kif tara, int xhud issa Bidillu li dan ir-raġel qarrieqi issa kadavru.

BIDILLU: Bla dubju. Taqbdu int minn saqajh? *(Jitqanżaħ biex jerfgħu.)* Kemm hu tqil ukoll!

BEKKAMORT: Qiegħdu hawn, wara l-bieb. Hekk.

BIDILLU: U kemm għad baqa'!. Ejja bil-qalb it-tajba

BEKKAMORT: Lil dan issa?

BIDILLU: Xi trid tagħmel. Ċiss, ara x'għandu f'rasu.

BEKKAMORT: Tliet balal. Kont ċert li lqattu erba' darbiet lil dan.

BIDILLU: Leqq, tlieta. Ir-raba' waħda laqtet li dak tar-rokna. Għidli ħaġa, dik il-ħela ta' ċomb għalfejn? Tir kull wieħed kont tiffranka tliet karnijiet ċomb ġmielhom.

BEKKAMORT: Għal darb'oħra. L-esperjenza tgħallem.

BIDILLU: U kemm ix-xjafek huma tqal!

BEKKAMORT: Mhux hekk, ħabib; *De mortuis nil nisi bonum.* Ftakar fuq kollox li dawn l-imsejkna issa ħallew dana l-Wied tad-Dmugħ - minn trab għal trab - ħallew il-frugħa tad-dinja - telqu salibhom f'nofs it-triq...

BIDILLU: U ħallewh għalina biex inġorruh; mur obsor!

BEKKAMORT: ...Issagrifikaw ruħhom għall-ġid tal-Komunità; biex aħna nsibu xogħol diċenti, naqilgħu l-ħobża ta' kuljum - biex ngħixu.

BIDILLU: Sakemm immutu.

BEKKAMORT: Jeħtieġ. Biex warajna jiġi ħaddieħor - nagħtuh opportunità ta' xogħol - biex hu wkoll jgħix...

BIDILLU: Jaqla' l-ħobża ta' kuljum.

BEKKAMORT: Jgħix. Jissagrifika ruħu...

BIDILLU: Sakemm imut.

*Leħinhom jibda jitbiegħed - il-passi tagħhom ukoll.*

BEKKAMORT: Biex warajh jiġi ħaddieħor...

BIDILLU: ...Opportunità ta' xogħol.

BEKKAMORT: ...Ħobża ta' kuljum - jissagrifika ruħu.

BIDILLU: Jgħix.

BEKKAMORT: Imut.

BIDILLU: Jgħix.

BEKKAMORT: Imut.

*Leħinhom u l-passi tagħhom jispiċċaw fix-xejn.*

*Skiet.*

*Jidwu passi qed joqorbu.*

L-AWTUR: Kontu nsejtuni? Le, hawn għadni - ħaj... naħseb. Imma għedtilkom, sinjuri: m'iniex bi ħsiebi nissagrifika - irrid ngħid, niskuża ruħi. Id-dramm spiċċa. Li kellu jiġri - qed jiġri. Jien ħiereġ; nara nagħmilx xi ħaġa. Il-lejl it-tajjeb.

*(Pawsa.)*

Għedtilkom il-lejl it-tajjeb. Se tibqgħu hemm? X'intom tistennew?... Kif tridu. Li kont minnkom iżda kont niċċaqlaq - nagħmel xi ħaġa. Insomma, jien sejjer.

*(Jimxi ftit passi. Jieqaf.)*

Se nħalli l-bieb imbexxaq.

*(Bieb iżaqżaq.)*

Ma tafx kif, forsi intom - jew xi ħadd ieħor - ikun irid joħroġ. Il-lejl it-tajjeb

*Passi jitbiegħdu..*

**TMIEM**

# 1971

Inħadem għall-ewwel darba fuq il-palk fid-29 ta' Mejju, 1971 bi produzzjoni għall-palk ta' Joe fir-Teatru ta' l-Università, il-Belt. Ħadu sehem fil-partijiet prinċipali:
Michael Sciortino (Astronomu), Alfred Spiteri (Skrivan), Rita Pirotta (Bidillu/a) flimkien ma' Michael Camilleri, David Filippidis, Tony Suda u Michele Conti.

# 1974

Produzzjoni mill-Għaqda Letterarja Maltija, għal darb'oħra f'idejn JOE FRIGGIERI fit-Teatru ta' l-Università, b'Michael Sciortino (l-Astronomu), Ġemma Portelli (l-Iskrivan/a), Frank Tanti (il-Bidillu) u Charles Caruana (Raġel Qarrieqi).

# 1982

Preżentazzjoni minn ATEATRU - proudzzjoni ta' Peter Busuttil.

## 1986

Marzu. Adattament mużikali tad-dramm għal darb'oħra f'idejn PETER BUSUTTIL, b'Pino Scicluna (Skrivan), Ivan Fenech (l-Astronomu), Peter Busuttil (l-Awtur) Louis Buhagiar (il-Bidillu), kif ukoll William Hammett u Hubert Mugliette.
Mużika ta' J. Borg, E. Micallef, P. Scicluna, M. Forace u A. Fieri Soler).

## 1991

L-Ewwel ta' Mejju fil-beraħ ta' Ta' Qali - fil-festi ta' l-Ewwel ta' Mejju produzzjonio ta' DOMINIC SAID, li ħadem ukoll il-parti ta' l-Iskrivan, flimkien ma' Manwel Cassar (l-Awtur).